I

*(Atti li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENT (KE) Nru 1365/2006 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tas-6 ta' Settembru 2006

## dwar statistika ta' trasport ta' merkanzija minn passaġġi fuq l-ilma interni u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 80/1119/KEE

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari Artikolu 285(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat [1],

Billi:

(1) Il-passaġġi fuq l-ilma interni huma parti importanti mir-retikolat ta' trasport tal-Komunità u l-promozzjoni tat-trasport minn passaġġi fuq l-ilma interni huwa wieħed mill-għanijiet tal-politika komuni tat-trasport, kemm għal raġunijiet ta' effiċjenza ekonomika kif ukoll għat-tnaqqis tal-konsum ta' l-enerġija u ta' l-impatt ambjentali li għandu t-trasport, kif deskritt fil-White Paper tal-Kummissjoni: Il-politika Ewropea tat-Trasport għall-2010: Wasal iż-żmien li niddeċiedu.

(2) Il-Kummissjoni teħtieġ statistika rigward it-trasport ta' merkanzija minn passaġġi fuq l-ilma interni sabiex tissorvelja u tiżviluppa politika komuni tat-trasport, kif ukoll l-elementi relatati mat-trasport fil-politika dwar ir-reġjuni u r-retikolati trans-Ewropej.

(3) Inġabret statistika dwar it-trasport minn passaġġi fuq l-ilma interni taħt id-Direttiva tal-Kunsill 80/1119/KEE tas-17 ta' Novembru 1980 dwar il-prospetti ta' statistika li għandhom x'jaqsmu mat-trasport ta' merkanzija permezz ta' passaġġi ta' l-ilma interni [2], li m'għadhiex tikkorrispondi għall-bżonnijiet attwali f'dan il-qasam. Huwa għalhekk xieraq li din id-Direttiva tiġi sostitwita bi strument ġdid li jestendi l-ambitu tagħha u jtejjeb l-effiċjenza.

(4) Konsegwentement, id-Direttiva 80/1119/KEE għandha tiġi mħassra.

(5) L-istatistika Komunitarja dwar il-modi kollha tat-trasport għandha tinġabar skond il-kunċetti u l-istandards komuni, bil-għan li tinkiseb l-aktar komparabbiltà prattikabbli bejn modi ta' trasport.

(6) It-trasport minn passaġġi fuq l-ilma interni ma jeżistix fl-Istati Membri kollha u, għalhekk, l-effett ta' dan ir-Regolament huwa limitat għal dawk l-Istati Membri fejn jeżisti dan il-mod ta' trasport.

(7) Minħabba li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-ħolqien ta' standards komuni ta' statistika li jippermettu l-produzzjoni ta' *data* armonizzata ma jistax jiġi miksub suffiċjentement mill-Istati Membri u jista' għalhekk jiġi miksub aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri konformement mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Konformement mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jinkiseb dak l-għan.

(8) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 tas-17 ta' Frar 1997 dwar l-Istatistika tal-Komunità [3] jipprovdi qafas ta' referenza għad-dispożizzjonijiet stabbiliti b'dan ir-Regolament.

(9) Il-miżuri meħtieġa għall-implementazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implementazzjoni konferiti lill-Kummissjoni [4].

(10) Il-Kumitat għall-Programmi Statistiċi stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom [5] ġie konsultat skond l-Artikolu 3 ta' dik id-Deċiżjoni,

[1] Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Jannar 2006 (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali), Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-24 ta' Lulju 2006.

[2] ĠU L 339, 15.12.1980, p. 30. Direttiva kif emendata mill-Att ta' Adeżjoni 2003.

[3] ĠU L 52, 22.2.1997, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

[4] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11)

[5] ĠU L 181, 28.6.1989, p. 47.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli komuni għall-produzzjoni ta' statistika Komunitarja li tikkonċerna t-trasport minn passaġġi fuq l-ilma interni.

*Artikolu 2*

**Skop**

1. L-Istati Membri għandhom jittrasmettu lill-Kummissjoni (Eurostat) id-*data* relatata mat-trasport minn passaġġi fuq l-ilma interni fit-territorju nazzjonali tagħhom.

2. L-Istati Membri li fihom il-volum totali ta' merkanzija trasportata fis-sena minn passaġġi fuq l-ilma interni bħala trasport nazzjonali, internazzjoni jew ta' tranżitu ikun aktar minn miljun tunnellata metrika għandhom jipprovdu d-*data* msemmija fl-Artikolu 4(1).

3. Bħala deroga mill-paragrafu 2, l-Istati Membri fejn mhemmx trasport internazzjonali jew ta' tranżitu minn passaġġi fuq l-ilma interni iżda fejn il-volum totali ta' merkanzija trasportata fis-sena mill-passaġġi fuq l-ilma interni bħala trasport nazzjonali jeċċedi miljun tunnellata metrika għandhom jipprovdu biss id-*data* meħtieġa taħt l-Artikolu 4(2).

4. Dan ir-Regolament m'għandux japplika għal:

(a) trasport ta' merkanzija permezz ta' bastimenti b'kapaċità massima ta' ġarr ta' anqas minn 50 tunnellata metrika;

(b) bastimenti użati prinċipalment għat-trasport ta' passiġġieri;

(ċ) bastimenti użati bħala tragetti;

(d) bastimenti użati biss għal skopijiet li mhumiex kummerċjali minn amministrazzjonijiet ta' portijiet u awtoritajiet pubbliċi;

(e) bastimenti użati biss għall-*bunkering* jew għall-ħżin;

(f) bastimenti li mhumiex użati għat-trasport ta' merkanzija, bħal bastimenti tas-sajd, bastimenti tat-tħammil, postijiet tax-xogħol fuq l-ilma, battelli ta' abitazzjoni u dgħajjes ta' rikreazzjoni.

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "passaġġi fuq l-ilma interni navigabbli" tfisser medda ta' ilma, li ma tkunx parti mill-baħar, li fuqha jistgħu jinnavigaw bastimenti b'kapaċità ta' ġarr ta' mhux anqas minn 50 tunnellata metrika meta jkunu b'tagħbija normali. Dan it-terminu jkopri kemm xmajjar u lagi navigabbli kif ukoll kanali navigabbli;

(b) "bastiment tal-passaġġi fuq l-ilma interni" tfisser inġenju li jżomm f'wiċċ l-ilma maħsub għat-trasport ta' merkanzija jew għat-trasport pubbliku ta' passiġġieri minn passaġġi fuq l-ilma interni navigabbli;

(ċ) "nazzjonalità tal-bastiment" tirriferi għall-pajjiż li fih ikun reġistrat il-bastiment tal-passaġġi fuq l-ilma interni.

*Artikolu 4*

**Ġbir ta' data**

1. Għandha tinġabar *data* skond it-tabelli stabbiliti fl-Annessi A sa D.

2. Fil-każ imsemmi fl-Artikolu 2(3), id-*data* għandha tinġabar skond it-tabella stabbilita fl-Anness E.

3. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-merkanzija għandha tkun klassifikata skond l-Anness F.

*Artikolu 5*

**Trasmissjoni ta' data**

1. L-ewwel perjodu ta' osservazzjoni għandu jibda fl-1 ta' Jannar 2007. It-trasmissjoni tad-*data* għandha sseħħ malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn ħames xhur mit-tmiem tal-perjodu relevanti ta' osservazzjoni.

2. Matul l-ewwel tliet snin ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, iż-żmien permess għat-trasmissjoni tad-*data* msemmija fil-paragrafu 1 jista' jiġi estiż skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 10(2). Iż-żmien massimu permess għat-trasmissjoni, inkluża kull estenzjoni mogħtija, ma għandux jaqbeż tmien xhur.

L-estensjonijiet taż-żmien permess għat-trasmissjoni huma stabbiliti fl-Anness G.

*Artikolu 6*

**Tixrid**

L-istatistika Komunitarja bbażata fuq id-*data* msemmija fl-Artikolu 4 għandha tkun imxerrda bi frekwenza simili għal dik stabbilita għat-trasmissjoni ta' *data* mill-Istati Membri.

*Artikolu 7*

**Il-kwalità tad-data**

1. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tiżviluppa u tippubblika, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 10(2), il-kundizzjonijiet metodoloġiċi u l-kriterji maħsuba sabiex jiżguraw il-kwalità tad-*data* prodotta.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw il-kwalità tad-*data* trasmessa.

3. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tivvaluta l-kwalità tad-*data* trasmessa. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) b'rapport li jkun fih tali informazzjoni u *data* li jistgħu jiġu mitluba minnha sabiex tivverifika l-kwalità tad-*data* trasmessa.

*Artikolu 8*

**Rapport dwar l-implementazzjoni**

Sal-15 ta' Ottubru 2009 u wara konsultazzjoni mal-Kumitat għall-Programmi Statistiċi, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implementazzjoni ta' dan ir-Regolament. B'mod partikolari, ir-rapport għandu:

(a) jivvaluta l-benefiċċji li jieħdu l-Komunità, l-Istati Membri u l-fornituri u l-utenti ta' l-informazzjoni statistika mill-istatistika prodotta, meta mqabbla ma' l-ispejjeż;

(b) jivvaluta l-kwalità ta' l-istatistika prodotta;

(ċ) jidentifika oqsma fejn jista' jsir titjib u kwalunkwe emenda kunsidrata neċessarja fid-dawl tar-riżultati miksuba.

*Artikolu 9*

**Miżuri implementattivi**

Il-miżuri għall-implementazzjoni ta' dan ir-Regolament, inklużi miżuri li jieħdu kont tat-tendenzi ekonomiċi u tekniċi, għandhom jiġu stabbiliti skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 10(2). Tali miżuri għandhom jikkonċernaw:

(a) l-adattament tal-limitu għall-kopertura statistika tat-trasport minn passaġġi fuq l-ilma interni (Artikolu 2);

(b) l-adattament tad-definizzjonijiet u l-adozzjoni ta' definizzjonijiet addizzjonali (Artikolu 3);

(ċ) l-adattament ta' l-ambitu tal-ġbir ta' *data* u l-kontenut ta' l-Annessi (Artikolu 4);

(d) l-arranġamenti għat-trasmissjoni ta' *data* lill-Kummissjoni (Eurostat) inklużi l-istandards għall-iskambju ta' *data* (Artikolu 5);

(e) l-arranġamenti għat-tixrid ta' riżultati mill-Kummissjoni (Eurostat) (Artikolu 6);

(f) l-iżvilupp u l-pubblikazzjoni ta' rekwiżiti u kriterji metodoloġiċi (Artikolu 7).

*Artikolu 10*

**Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat għall-Programmi Statistiċi stabbilit mill-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 89/382/KEE, Euratom.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

*Artikolu 11*

**Dispożizzjonijiet transizzjonali u tħassir**

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu riżultati statistiċi għas-sena 2006 skond id-Direttiva 80/1119/KEE.

2. Id-Direttiva 80/1119/KEE hija b'dan imħassra b'effett mill-1 ta' Jannar 2007.

*Artikolu 12*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, nhar is-6 ta' Settembru 2006.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| --- | --- |
| *Il-President* | *Il-President* |
| J. BORRELL FONTELLES | P. LEHTOMÄKI |

*ANNESS A*

**Tabella A1: Trasport ta' merkanzija skond it-tip ta' merkanzija (*data* annwali)**

| Elementi | Dettalji tal-Kodiċi | Nomenklatura | Unità |
|---|---|---|---|
| Tabella | 2 karattri alfanumeriċi | "A1" | |
| Pajjiż rapportatur | 2 karattri alfabetiċi | Kodiċi ISO nazzjonali | |
| Sena | 4 karattri numeriċi | "ssss" | |
| Pajjiż/reġjun tat-tgħabija | 2 karattri alfabetiċi jew 4 karattri alfanumeriċi | Kodiċi ISO nazzjonali jew NUTS2 | |
| Pajjiż/reġjun tal-ħatt | 2 karattri alfabetiċi jew 4 karattri alfanumeriċi | Kodiċi ISO nazzjonali jew NUTS2 | |
| Tip ta' trasport | karattru numeriku | 1 = Nazzjonali<br>2 = Internazzjonali (ħlief tranżitu)<br>3 = Tranżitu | |
| Tip ta' merkanzija | 2 karattri numeriċi | NST 2000 | |
| Tip ta' ppakkjar | karattru numeriku | 1= Merkanzija f'*containers*<br>2= Merkanzija mhux f'*containers* | |
| Tunnellati metriċi trasportati | | | Tunnellati metriċi |
| Tunnellati metriċi - Km | | | Tunnellati metriċi - Km |

*ANNESS B*

**Tabella B1. Trasport skond in-nazzjonalità tal-bastiment u skond it-tip ta' bastiment (*data* annwali)**

| Elementi | Dettalji tal-Kodiċi | Nomenklatura | Unità |
|---|---|---|---|
| Tabella | 2 karattri alfanumeriċi | "B1" | |
| Pajjiż rapportatur | 2 karattri alfabetiċi | Kodiċi ISO nazzjonali | |
| Sena | 4 karattri numeriċi | "ssss" | |
| Pajjiż/reġjun tat-tgħabija | 2 karattri alfabetiċi jew 4 karattri alfanumeriċi | Kodiċi ISO nazzjonali jew NUTS2 | |
| Pajjiż/reġjun tal-ħatt | 2 karattri alfabetiċi jew 4 karattri alfanumeriċi | Kodiċi ISO nazzjonali jew NUTS2 | |
| Tip ta' trasport | karattru numeriku | 1 = Nazzjonali<br>2 = Internazzjonali (ħlief tranżitu)<br>3 = Tranżitu | |
| Tip ta' bastiment | karattru numeriku | 1= Barkun motorizzat<br>2= Barkun mhux motorizzat<br>3= Barkun-tanker motorizzat<br>4= Barkun-tanker mhux motorizzat<br>5= Bastimenti oħra għall-ġarr tal-merkanzija | |
| Nazzjonalità tal-bastiment | 2 karattri alfabetiċi | Kodiċi ISO nazzjonali | |
| Tunnellati metriċi trasportati | | | Tunnellati metriċi |
| Tunnellati metriċi - Km | | | Tunnellati metriċi - Km |

**Tabella B2. Traffiku ta' bastimenti (*data* annwali)**

| Elementi | Dettalji tal-Kodiċi | Nomenklatura | Unità |
|---|---|---|---|
| Tabella | 2 karattri alfanumeriċi | "B2" | |
| Pajjiż rapportatur | 2 karattri alfabetiċi | Kodiċi ISO nazzjonali | |
| Sena | 4 karattri numeriċi | "ssss" | |
| Numru ta' bastimenti mgħobbija | | | Bastimenti |
| Numru ta' bastimenti vojta | | | Bastimenti |
| Bastimenti –Km (bastimenti mgħobbija) | | | Bastiment-Km |
| Bastiment–Km (bastimenti vojta) | | | Bastimenti-Km |

*NOTA:* Il-fornitura tad-*data* msemmija f'din it-Tabella B2 mhijiex obbligatorja.

*ANNESS Ċ*

**Tabella Ċ1. Trasport bil-*container* skond it-tip ta' merkanzija (*data* annwali)**

| Elementi | Dettalji tal-Kodiċi | Nomenklatura | Unità |
|---|---|---|---|
| Tabella | 2 karattri alfanumeriċi | "C1" | |
| Pajjiż rapportatur | 2 karattri alfabetiċi | Kodiċi ISO nazzjonali | |
| Sena | 4 karattri numeriċi | "ssss" | |
| Pajjiż/reġjun tat-tgħabija | 2 karattri alfabetiċi jew 4 karattri alfanumeriċi | Kodiċi ISO nazzjonali jew NUTS2 | |
| Pajjiż/reġjun tal-ħatt | 2 karattri alfabetiċi jew 4 karattri alfanumeriċi | Kodiċi ISO nazzjonali jew NUTS2 | |
| Tip ta' trasport | karattru numeriku | 1 = Nazzjonali<br>2 = Internazzjonali (ħlief tranżitu)<br>3 = Tranżitu | |
| Daqs tal-kontejner | karattru numeriku | 1 = 20′ unitajiet ta' tagħbija<br>2 = 40′ unitajiet ta' tagħbija<br>3 = unitajiet ta' tagħbija > 20′ u <40′<br>4 = unitajiet ta' tagħbija > 40′ | |
| Status tat-tagħbija | karattru numeriku | 1 = Containers mimlijin<br>2 = Containers vojta | |
| Tip ta' merkanzija | 2 karattri numeriċi | NST 2000 | |
| Tunnellati metriċi trasportati (*) | | | Tunnellati metriċi |
| Tunnellati metriċi - Km (*) | | | Tunnellati metriċi - Km |
| TEU | | | TEU |
| TEU-Km | | | TEU-Km |

(*) Għall-*containers* mimlijin biss

*ANNESS D*

**Tabella D1. Trasport skond in-nazzjonalità tal-bastimenti (*data* ta' kull tliet xhur)**

| Elementi | Dettalji tal-Kodiċi | Nomenklatura | Unità |
|---|---|---|---|
| Tabella | 2 karattri alfanumeriċi | "D1" | |
| Pajjiż rapportatur | 2 karattri alfabetiċi | Kodiċi ISO nazzjonali | |
| Sena | 4 karattri numeriċi | "ssss" | |
| Perjodu | 2 karattri alfanumeriċi | "Q1, Q2, Q3 jew Q4" | |
| Tip ta' trasport | karattru numeriku | 1 = Nazzjonali<br>2 = Internazzjonali (ħlief tranżitu)<br>3 = Tranżitu | |
| Nazzjonalità tal-bastiment | 2 karattri alfabetiċi | Kodiċi ISO nazzjonali | |
| Tunnellati metriċi trasportati | | | Tunnellati metriċi |
| Tunnellati metriċi - Km | | | Tunnellati metriċi - Km |

**Tabella D2. Trasport bil-kontejner skond in-nazzjonalità tal-bastimenti (*data* ta' kull tliet xhur)**

| Elementi | Dettalji tal-Kodiċi | Nomenklatura | Unità |
|---|---|---|---|
| Tabella | 2 karattri | "D2" | |
| Pajjiż rapportatur | 2 karattri alfabetiċi | Kodiċi ISO nazzjonali | |
| Sena | 4 karattri numeriċi | "ssss" | |
| Perjodu | 2 karattri alfanumeriċi | "Q1, Q2, Q3 or Q4" | |
| Tip ta' trasport | karattru numeriku | 1 = Nazzjonali<br>2 = Internazzjonali (ħlief tranżitu)<br>3 = Tranżitu | |
| Nazzjonalità tal-bastiment | 2 karattri alfabetiċi | Kodiċi ISO nazzjonali | |
| Stat tat-tgħabbija | karattru numeriku | 1 = Containers mimlijin<br>2 = Containers i vojta | |
| Tunnellati metriċi trasporta-ti (*) | | | Tunnellati metriċi |
| Tunnellati metriċi - Km (*) | | | Tunnellati metriċi - Km |
| TEU | | | TEU |
| TEU-Km | | | TEU-Km |

(*) Għall-*containers* mimlijin biss

*ANNESS E*

**Tabella E1. Trasport ta' merkanzija (*data* annwali)**

| Elementi | Dettalji tal-Kodiċi | Nomenklatura | Unità |
|---|---|---|---|
| Tabella | 2 karattri alfanumeriċi | "E1" | |
| Pajjiż rapportatur | 2 karattri alfabetiċi | Kodiċi ISO nazzjonali | |
| Sena | 4 karattri numeriċi | "ssss" | |
| Total ta' tunnellati metriċi trasportati | | | Tunnellati metriċi |
| Total ta' tunnellati metriċi - Km | | | Tunnellati metriċi - Km |

*ANNESS F*

**Nomenklatura ta' merkanzija**

NST-2000

| Gruppi NST-2000 | Deskrizzjoni ta' merkanzija | Definita skond il-prodotti fid-diviżjonijiet tas-CPA |
|---|---|---|
| 01 | Prodotti ta' l-agrikolutra, tal-kaċċa u tal-forestrija; ħut u prodotti oħra tas-sajd | 01, 02, 05 |
| 02 | Faħam u lignite; pît, żejt petroleum mhux raffinat u gass naturali; uranju u torju | 10, 11, 12 |
| 03 | Minerali ta' metalli u prodotti oħra tal-minjieri u tal-barrieri | 13, 14 |
| 04 | Prodotti ta' l-ikel, xorb u tabakk | 15, 16 |
| 05 | Tessuti u prodotti tat-tessuti; ġilda u prodotti tal-ġilda | 17, 18, 19 |
| 06 | Injam u prodotti ta' l-injam u tas-sufra (ħlief għamara); oġġetti magħmulin mit-tiben u materjal ta' l-immaljar; polpa, karta u prodotti tal-karta; materjal stampat u materjal rekordjat | 20, 21, 22 |
| 07 | Kokk, prodotti irfinati taż-żejt petroleum u karburant nukleari | 23 |
| 08 | Kimiċi, prodotti kimiċi, u fibri magħmula mill-bniedem; gomma u prodotti tal-plastik | 24, 25 |
| 09 | Prodotti oħra minerali mhux metalliċi | 26 |
| 10 | Metalli bażiċi; prodotti metalliċi fabbrikati, ħlief makkinarju u tagħmir | 27, 28 |
| 11 | Makkinarju u tagħmir n.e.c.; makkinarju ta' l-uffiċċji u computers; makkinarju u apparat elettriku n.e.c.; tagħmir u apparat tar-radju, tat-televiżjoni u tal-komunikazzjoni; strumenti mediċi, ta' preċiżjoni u ottiċi; arloġġi u arloġġi ta' l-idejn | 29, 30, 31, 32, 33 |
| 12 | Tagħmir ta' trasport | 34, 35 |
| 13 | Għamara, merkanzija oħra manifatturata n.e.c. | 36 |
| 14 | Materja prima sekondarja; skart muniċipali u tipi oħra ta' skart li mhumiex speċifikati f'parti oħra fis-CPA | 37 + skart muniċipali (kif imdaħħal fid-diviżjoni CPA 90) u skart ieħor mhux speċifikat f'xi parti oħra fis-CPA) |
| 15 | Posta, pakketti postali<br><br>Nota: din l-intestatura hija normalment użata għal merkanzija trasportata minn amministrazzjonijiet tal-posta u minn servizzi speċjalizzati ta' courier fid-diviżjoni 64 tan-Nace Rev. 1. | |
| 16 | Tagħmir u materjal utilizzat għat-trasport ta' merkanzija<br><br>Nota: din l-intestatura tkopri oġġetti bħal containers vojta, paletti, kaxxi, ċestuni u gaġeġ. Tkopri wkoll vetturi użati sabiex iżommu merkanzija, fejn il-vettura nnifisha tinġarr minn vettura oħra.<br><br>L-eżistenza ta' kodiċi għal dan it-tip ta' materjal ma' tippreġudikax il-kwestjoni jekk tali materjali għandhomx jingħaddu bħala "merkanzija", dan jiddependi fuq ir-regoli tal-ġbir ta' *data* għal kull mod ta' trasport. | |

| Gruppi NST-2000 | Deskrizzjoni ta' merkanzija | Definita skond il-prodotti fid-diviżjonijiet tas-CPA |
|---|---|---|
| 17 | Oġġetti traspostati fil-ġarr minn djar u uffiċċji; bagali trasportati separatament mill-passiġġieri; vetturi bil-mutur li jinġarru għat-tiswija; oġġetti oħra li ma jkunux għas-suq n.e.c. | |
| 18 | Oġġetti raggruppati: taħlita ta' tipi ta' merkanzija li jkunu trasportati flimkien<br><br>Nota: din l-intestatura hija użata kull meta ma jkunx kunsidrat xieraq li l-merkanzija tkun separatament assenjata lil gruppi 01-16. | |
| 19 | Merkanzija mhux identifikabbli: oġġetti li għal xi raġuni ma jistgħux jiġu identifikati u għalhekk ma jistgħux jiġu assenjati lil gruppi 01-16<br><br>Nota: din l-intestatura hija intenzjonata sabiex tkopri oġġetti fejn l-unità ta' rappurtaġġ ma jkollha ebda informazzjoni dwar it-tip ta' merkanzija li tkun qiegħda tiġi trasportata. | |
| 20 | Merkanzija oħra n.e.c.<br><br>Nota: din l-intestatura tkopri kwalunkwe oġġett li ma jistax jiġi assenjat lil xi wieħed mill-gruppi 01-19. Billi l-gruppi 01-19 huma maħsuba li jkopru l-kategoriji kollha previsti ta' merkanzija trasportata, l-użu ta' grupp 20 għandu jkun kunsidrat mhux tas-soltu u jista' jindika l-ħtieġa għal kontroll ulterjuri tad-*data* rappurtata taħt din l-intestatura. | |

*ANNESS G*

**Estensjonijiet taż-żmien permess għat-trasmissjoni (Artikolu 5(2))**

| Stat Membru | Perjodu estiż ta' trasmissjoni wara t-tmiem tal-perjodu ta' osservazzjoni | L-aħħar sena li għaliha tingħata estensjoni |
|---|---|---|
| Belġju | 8 xhur | 2009 |